**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 4 – IT-TLIETA, 14 TA' OTTUBRU 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairman |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairman |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti numru 3**

1.2 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Iċ-Chairman informa lill-membri li saret laqgħa mas-Sur Nello Calleja miċ-Chiswick House School. Kien hemm qbil li l-iskola għandha tibgħat email lill-ġenituri u lill-kumpanija tal-coaches biex dawn ma jipparkjawx illegali. Kien hemm diskussjoni biex il-ħruġ tal-karozzi jsir minn Triq l-Isponsun.

2.2 Iċ-Chairman informa lill-membri wkoll li saret laqgħa mal-Kummissjaru tal-Pulizija, TM kif ukoll resident minn Triq Antonio Schembri fuq il-problema tat-traffiku kif ukoll il-ġnien tal-Kappara.

2.3 Ġie diskuss l-istat ħażin tal-ħadid li hemm fil-Ġnien. Ġie deċiż li dawn jinbidlu immedjatament.

**3 Affarjiet Ohra**

3.1 Dr Frank Bartolo ilmenta rigward il-parkeġġ ħażin li qed isir fi Triq il-Fjamma. Hu talab ukoll biex issir talba lil TM rigward Triq il-Malvizz. Din hija triq wieqfa ħafna u hemm il-periklu.

3.2 Is-Sur Alfred Mangion ressaq numru ta' ilmenti. Dawn jinkludu:

3.2.1 Ittra lill-Ambaxxatur tar-Russja rigward il-postponiment tal-laqgħa li kien hemm;

3.2.2 Mutur abbandunat fi Triq il-Gallina;

3.2.3 Risposta lis-Sur Inglott minn Triq Wied Għollieqa;

3.2.4 Bozza ġdida fi Triq il-Ħida (ħdejn Triq ir-Rundun);

3.2.5 Bozza maqtugħa fi Triq il-Ħida;

3.2.6 Lista ta' Bozoz pendenti għal tiswija mal-Enemalta;

3.2.7 Reminder lil TM rigward talba għal One Way fi Triq Antonio Schembri;

3.2.8 Bankina ġdida fi Triq ir-Rundun;

3.2.9 Planters fil-Ġnien;

3.2.10 Refreshing taż-żebgħa tat-toroq fit-Toroq Kuċċard u Birkirkara;

3.2.11 Tabella Stop fi Triq Birkirkara;

3.2.12 Talba lil TM għal restricted parking except residents fit-Toroq Russett, Antonio Schembri u Wied Għollieqa;

3.2.13 Staqsa għalfejn restricted parking fit-Toroq Naxxar u Mensija huma except residents ta' dawn ir-residenti biss u mhux residenti ta' San Ġwann;

3.2.14 Reminder lil TM għar-Resurfacing ta' Triq Birkirkara;

3.2.15 Ittra lir-residenti kollha tal-Kappara rigward l-iskart domestiku miġbur minn wara l-bibien;

3.2.16 Progress rigward il-locality maps;

3.2.17 Issir laqgħa mal-kuntrattur tal-Knis; u

3.2.18 Rendikont tal-finanzi.

3.3 Is-Sur Simon Ellul Sullivan staqsa fuq it-tibjid tal-Ġnien. Għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 11 ta' Novembru 2014 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |